22005D0073

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 73/2005

tad-29 ta' April 2005

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 116/2004 tas-6 ta' Awwissu 2004 ([1]).

(2) Ikun xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim tiġi estiża biex tkun tinkludi d-Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE fuq programm multiannwali għall-intrapriża u l-intraprenditorija, u b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju (SMEs) (2001-2005) ([2]).

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex jippermetti li sseħħ din il-kooperazzjoni estiża b'effett mill-1 ta' Jannar 2005,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-sub-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fis-seba' inċiż ta' l-Artikolu 7(5) (Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/819/KE) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"— **32004 D 0593**: Deċiżjoni Nru 593/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Lulju 2004 (ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3).".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ([*]).

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2005.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' April 2005.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Richard WRIGHT

([1]) ĠU L 64, 10.3.2005, p. 3.
([2]) ĠU L 268, 16.8.2004, p. 3.
([*]) Ebda ħtiġijiet kostituzzjonali m'huma indikati.